Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,774, 27 ta' Jannar, 2022
Taqsima B

A.L. 19 tal-2022

ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI (KAP. 399)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Proċeduri dwar Penali u Ftehim Volontarju ta' Tilwimiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Proċeduri dwar Penali u Ftehim Volontarju ta' Tilwimiet) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Proċeduri dwar Penali u Ftehim Volontarju ta' Tilwimiet), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 399.37.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2021.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Regolamenti dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Proċeduri dwar Penali u Ftehim Volontarju ta' Tilwimiet)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Regolamenti dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Proċeduri dwar Pieni u Ftehim Volontarju ta' Tilwimiet)".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, il-kelma "penali" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "multa";

(b) is-subregolament (1) tiegħu, għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(i) il-kliem "Il-Ministru jista', fil-każ ta' reat li jsir għall-ewwel darba bi ksur tal-artikolu 28(1) tal-Att, jew l-Awtorità fil-każ ta' reat li jsir għall-ewwel darba bi ksur tal-artikolu 30(2) tal-Att, minflok ma jibda proċedimenti kriminali kontra l-ħati dwar dak il-ksur, jagħmel ftehim bil-miktub" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità fil-

każ ta' reat li jsir għall-ewwel darba bi ksur tal-artikoli 30(1) jew 31 tal-Att, minflok ma tibda proċedimenti kriminali kontra l-ħati dwar dak il-ksur, tagħmel ftehim bil-miktub"; u

(ii) il-kliem "fid-diskrezzjoni tal-Ministru jew tal-Awtorità, hekk kif ikun il-każ," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fid-diskrezzjoni tal-Awtorità";

(ċ) fil-proviso għas-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "Iżda f'dak il-ftehim il-Ministru jew l-Awtorità, kif jista' jkun il-każ, jista' jinkludi dawk il-kundizzjonijiet li l-Ministru jew l-Awtorità jistgħu jqisu li jkunu meħtieġa biex jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 28(1) jew 30(2) tal-Att, hekk kif ikun il-każ," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Iżda f'dak il-ftehim l-Awtorità tista' tinkludi dawk il-kondizzjonijiet li l-Awtorità tista' tqis li jkunu meħtieġa biex jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 30 jew 31 tal-Att,"; u

(d) fis-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "mill-Ministru jew l-Awtorità" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-Awtorità".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(a) il-kliem "(1) Minkejja" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "Minkejja";

(b) il-kliem "d-disposizzjonijiet tal-artikolu 28 jew 30 tal-Att" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "d-disposizzjonijiet tal-artikolu 30B tal-Att";

(ċ) il-kliem "penali kif hemm fl-Iskeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "multa kif hemm fl-Iskeda";

(d) fil-proviso tiegħu, il-kliem "l-penali li tkun tapplika" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-multa li tkun tapplika"; u

(e) fil-proviso tiegħu, il-kliem "id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28 jew 30 tal-Att għandhom ikunu għaldaqstant, u kif ikun il-każ, japplikaw" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "d-disposizzjonijiet tal-artikolu 30B tal-Att għandhom ikunu għaldaqstant, japplikaw".

5. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Jissostitwixxi r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

"5. Fil-każ li xi multa jew penali amministrattiva jkunu dovuti taħt dawn ir-regolamenti jew taħt it-Taqsima IV tal-Att, liċenzja individwali ta' radjokomunikazzjoni maħruga taħt it-Taqsima IV tal-Att ma għandhiex tiġġedded kemm-il darba, flimkien mad-dritt dovut, dik il-persuna ma tkunx ħallset dik il-multa jew penali amministrattiva skont ma jistgħu jkunu dovuti.".

6. Fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kliem "il-penali murija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-multi murija". Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.